MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF PHILIP SCIBERRAS

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2006

Appell Civili Numru. 117/2004/1

**M.M.S. Ltd**

**vs**

**Malta Maritime Authority, u Pilots Co-operative Society Ltd u b' digriet tad-19 ta' April, 2004 il-kliem "Pilots Co-operative Society Ltd" gew kancellati u sostitwiti bil-kliem "Malta Maritime Pilots Co-operative Society Limited"**

**Il-Qorti,**

Fil-11 ta' Lulju, 2005, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avvizipprezentat mis-socjeta' attrici fl-24 ta' Frar, 2004 fejn talbet lil din il-Qorti ghall-kundanna tal-konvenuti jew min minnhom ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, hames

mija u tlieta u tmenin lira Maltin (Lm2,583) rapprezentanti danni li soffrew l-atturi bhala rizultat tal-inadempjenza tal-konvenuti jew min minnhom, meta fis-16 ta’ Dicembru, 2003, bla ebda raguni valida fil-ligi gie rifjutat illi jinghata servizz ta’ piloti lill-vapur MV Audaucious sabiex jidhol fil-Port ta’ Mgarr, Ghawdex, u dan minkejja illi huma ghandhom dan l-obbligu ai termini tal-ligi, u li gia mitluba li jaghmlu dan mis-socjeta’ attrici.

Bl-imghax mid-data tal-pagament u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-protest gudizzjarju tas-17 ta’ Dicembru, 2003 kif ukoll dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-8 ta’ Jannar, 2004 kontra l-konvenuti jew min minnhom li rapprezentanti taghhom gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet ta’ l-Awtorita’ Marittima ta’ Malta fejn eccepiet:

1. Illi t-talbiet kif dedotti kontra l-eccipjenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-obbligi u dmirijiet ta’ l-Awtorita’ ai termini tal-Maritime Pilotage Regulations ta’ l-2003 huma li jizguraw li jezisti servizz ta’ pilotagg fil-portijiet ta’ Malta billi jilhqu ftehim ta’ pilotagg ma’ “service provider”, dmir li qdiet mall-kostituzzjoni tal-konvenuta l-ohra l-Malta Maritime Pilots Co-operative Society Limited fid-9 ta’ April, 2003 (D0k. A).
2. Illi l-Ko-operattiva tal-piloti hija entita distinta u separata u l-ligi taghti lill-Awtorita’ protestata biss poteri regolatorji u ta’ supervizjoni rigward l-imsemmija piloti (Regulation 4(3) tar-Regolamenti Dwar il-Pilutagg Marittimu 2003).

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-Malta Maritime Pilots Co-operative Society Limited fejn eccepiet:

Illi preliminarjament u ghall-korrettezza, n-notifika lill-eccipjenti mhijiex valida u dana billi l-entita’ ’Pilots Co-operative Society Limited’ ma tezistix, il-kooperattiva tal-bdoti marittimi jisimha ‘Malta Maritime Pilots Co-operative Societ Limited’.

Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-eccipjenti mhijiex legittimu kontradittur f'din il-kawza, stante illi l-obbligi kollha in rigward ghal dak reklamat mill-atturi jinkombu fuq il-Malta Maritime Authority u mhux fuq l-eccipjenti, kif dettaljat, partikolarment imma mhux limitatament, fis subartikolu 6(2) (b) tal-Kap. 352.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-eccipjenti mxew skond il-ligi u kif xieraq markatament imma mhux limitatament skond is-subregolament 27(2) ta' l-Avviz Legali 96 ta' l-2003, u skond il-*Pilotage Agreement* iffirmat bejn iz-zewg konvenuti, u ghalhekk ukoll kwalunkwe responsabilita' ghal danni jekk dawn jezistu tibqa' tirresjedi fil-Malta Maritime Authority.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u oltre dan kollu, u dejjem kieku l-allegazzjonijiet attrici kienu fondati fil-mertu, il-konvenuta l-ohra Malta Maritime Authority, jekk dehrilha li l-kaz in dizamina kien wiehed fejn il-provviditur ta' servizz naqas milli jipprovdi servizz ta' pilutagg, hija kellha timxi kif provdut fis-subregolament 4(1) (b) ta' l-Avviz Legali 96 ta' l-2003.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' attrici ghandha tipprova l-ezistenza tad-danni allegati.

Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, u fi kwalunkwe kaz, mill-ammont mitlub ghandhom jitnaqqsu l-ispejjez tal-garr mill-Imgarr, Ghawdex sa' l-post tad-destinazzjoni finali u tad-depozitu fl-istess destinazzjoni finali, billi tali spejjez kienu jigu xorta nkorsi kieku l-bastiment dahal u hatt l-Imgarr, Ghawdex.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attur irid jipprova l-ghaggla biex tali merkanzija tigi ddepozitata Ghawdex fil-lok tal-hazna u x'kien isofri fil-kaz li kireku ma gietx depozitata hemm immedjetament tali merkanzija; fin-nuqqas l-azzjoni attrici tkun infondata.

Ghalhekk, it-talbiet attrici kif dedotti kontra l-eccipjenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda talba ghall-hlas ta' danni minghand il-konvenuti jew min minnhom, wara li l-vapur M V Audacious ma thallix ihott fil-port ta' l-Imgarr, Ghawdex fis-16 ta' Dicembru, 2003 u peress illi l-merkanzija kellha tinhatt Malta u titwassal Ghawdex permezz ta' trakkijiet, is-socjeta' attrici qeda titlob ri-imbors ta' l-ispiza biex din il-merkanzija ngarret mill-Port il-Kbir sa' l-imhazen tal-principal taghhom gox-Xewkija, Ghawdex.

Carmelo Anastasi, direttur tas-socjeta' attrici, xehed ill-l-MV Audacious kellu merkanzija biex ihott go Ghawdex ghas-socjeta' Joseph Caruana Limted. Il-vapur wasal fl-ibhra Maltin fit-13 ta' Dicembru, 2003 li kienet gurnata tas-Sibt, li pero' minhabba l-maltemp kellu jistkenn barra l-portijiet. Fis-16 ta' Dicembru, 2003 fis-sitta u nofs ta' filghodu (06:30) kkomunika mall-piloti u mat-*tug boat*. It-temp kien immeljora xi ftit u il-pilota seta' jopera.

Il-pilota *on duty*, Ian Pace Bardon, qallu illi kellu struzzjonijiet biex ma jmurx Ghawdex. Ikkomunika mall-Malta Maritime Authority, li ma kienu jafu b'xejn. Ikkomunika wkoll mad-Direttur tal-Port, is-Sur Schembri, illi qal illi l-piloti ma kienux jaqghu tahtu u qallu biex ikellem lic-Chief Pilot Jesmond Mifsud. Minn naha tieghu, dan ta' l-ahhar qallu biex ikellem lill-Malta Maritime Authority.

Meta sab ruhu f'din is-sitwazzjoni, tkellem mas-sidien tal-vapur li qalulu illi jekk il-vapur ma jhottx sas-17 ta' Dicembru, 2003 il-merkanzija jew tinhatt fil-Port il-Kbir ta' Malta jew inkella f'pajjiz iehor. Tkellem ukoll ma' Dr Michael Caruana, direttur ta' Joseph Caruana Company Limited, fejn qallu illi kein ikkuntratta mieghu biex

iwassallu l-merkanzija Ghawdex, kif jaghmel hekk hija responsabbilta tieghu.

Caruana ma kellux oggezzjoni li l-merkanzija tinhatt Malta basta titwassal Ghawdex a spejjez tas-socjeta’ attrici.

Meta Anastasi ra illi ma kellux il-koperazzjoni la mill-Malta Maritime Authority u lanqas mill-piloti, allura accetta li l-merkanzija tigi zbarkata fil-Porti il-Kbir. Dan sar fis-17 ta’ Dicembru, 2003 fil-11 ta’ filghodu. Fis-sebgha ta’ filghaxija (19:00) fl-istess gurnata, rcieva messagg mill-Malta Maritime Authority li s-sitwazzjoni giet diskussa mall-piloti u sar ftehim u l-vapur seta’ jinhatt fil-port a’ l-Imgarr, Ghawdex. Imma dan kien tard wisq.

Wara li l-merkanzija giet zbarkata fil-Porti il-Kbir, Anastasi qabbad lil Abela Brothers bhala burdnara biex iwasslu l-merkanizja fl-imhazen ta’ Joseph Caruana Company Limited go Ghawdex. Din l-operazzjoni giet tiswa’ elfejn, hames mija u tleita u tmenin lira Maltin (Lm2,583) [fol. 2].

John Abela, direttur ta’ Abela Brothers, [fol. 39] ikkonferma illi huwa kien organizza t-trasport tal-merkanzija. Peress illi r-responsabbilta’ tal-garr tal-merkanzija mill-port ta’ l-Imgarr sa’ l-imhazen tal-kumpanija Joseph Caruana Company Limited kellha tkun a responsabbilta’ ta’ din l-ahhar kumpanija, Abela kkalkula illi bejn il-port ta’ l-Imgarr u l-imhazen fix-Xewkija, l-vjagg kien jiswa’ biss xi mitt lira Maltin (Lm100).

Tony Caruana, operations manager mal-Malta Maritime Authority, [fol. 62] xehed illi xogholu hu li jikkontrolla l-vapuri illi jidhlu fil-portijiet u l-ibhra Maltin. Kien jaf li l-vapur M V Audacious kellu jasal Malta u kien jaf ukoll il-kwistjoni li nqalghet mall-piloti. Kellem lic-Chief Pilot, Jesmond Mifsud, li parti mix-xoghol tieghu huwa li jamministra x-xoghol tal-piloti tal-gurnata, u qallu illi kien primatur u kmieni wisq biex jghidlu r-raguni l-ghala l-piloti kienu qeghdin jirrifjutaw illi jahdmu fil-port ta’ l-Imgarr. Ghalhekk, Caruana rraporta lid-Direttur Charles Schembri u lil Harbour Master, Richard Gabriele. Spjega li l-Malta

Maritime Authority ma tipprovdix is-servizz ta’ pilotagg, izda ghandha biss funzjoni regolatorju.

Ghalhekk, minhabba r-rifjut tal-Koperattiva tal-Piloti, l-Awtorita’ taght istruzzjonijiet sabiex il-vapur jinhatt fil-Port il-Kbir. Wara sar jaf illi l-piloti kienu qeghdin jirrifjutaw li jaghtu s-servizz ghall-port ta’ l-Imgarr peress illi ftit taz-zmien qabel kien hemm x’incident meta vapur laqghat peskaregg. Kompla qal, “ … la l-awtorita taghti permess sabiex il-merkanzija tinhatt fil-prot ta’ l-Imgarr, dan ifisser li dan il-port huwa teknikament tajjeb sabiex il-merkanzija tinhatt.” Spjega li minkejja li l-Malta Maritime Act taghti responsabbilta’ lill-Malta Maritime sabiex tipprovdi servizz ta’ pilotagg, fil-prattika dan is-servizz huwa pprovdut mill-Kopertattiva tal-Piloti illi ghandha ftehim privat mall-Malta Maritime Authority.

Il-Harbour Master Richard Gabriele [fol. 65] qal illi l-M V Audacious kien awtorizzat sabiex ihott il-merkanzija fil-port ta’ l-Imgarr ta’ Ghawdex. Jaf illi l-Kopertativa tal-Piloti rrifjutat illi taghti dak is-servizz, imma ma kienx jaf ghaliex. Il-vapur koncernat hatt il-merkanzija tieghu fil-Port il-Kbir fis-17 ta’ Dicembru, 2003. Wara sar jaf illi l-piloti kienu qeghdin jirrifjutaw li jaghtu s-servizz minhabba x’incident illi kein sar xi zmien qabel. Qal ukoll, “Il-Malta Maritime dehrilha, illi stante d-daqs tal-vapur u peress illi operazzjoni bhal din diga saret qabel, teknikament ma sabet l-ebda diffikulta ghall-vapur sabiex jidhol fil-port ta’ l-Imgarr.”

Bhala bniedem tekniku huwa kien jevalwa s-sitwazzjonijiet illi jinqaghlu fil-portijiet u fl-ibhra Maltin, specjalment ghal dak illi jirrigwarda s-*safety*. Rigward dan il-kaz jghid, “Jiena ma kelli l-ebda diffikulta sabiex nawtorizza lil dan il-bastiment ihott il-merkanzija fil-port ta’ l-Imgarr wara li ghamilt il-valutazzjonijiet teknici tieghi.”

Il-piloti, pero’ ma kienux ta’ l-istess idea. Jesmond Mifsud, Chief Pilot, [fol. 68] ikkonferma illi huma kienu rrifjutaw illi jaghtu s-servizzi taghhom fil-port ta’ l-Imgarr wara ncident illi sehh fid-19 ta’ Novembru, 2003, li fih kien involut bastiment bl-isem ta’ Salah Kaptan u xi lanca tas-sajd.

Kien dahal f'diskussjonijiet mad-Direttur tal-Portijiet, liema diskussjonijiet kienu qeghdin jiehdu fit-tul. Meta wasal il-kaz ta' l-M V Audacious huma nsistew illi jinghataw istruzzjonijiet bil-miktub. Dawn waslu fis-17 ta' Dicembru, 2003 u wara dan accettaw illi joperaw is-servizz. Is-sena ta' qabel kienu hadmu seba' darbiet go Ghawdex. Jikkonferma illi huma *independent contractors* u jiddiskuti biss ma' l-Malta Maritime Authority u mhux ma' l-agenti. Ma kienx jaqbel mall-konkluzjoni tal-Harbour Master li ma kienx hemm diffikultajiet fil-port ta' l-Imgarr.

Fl-ahhar xehed f'din il-kawza Charles Schembri, Direttur tal-Portijiet [fol. 89]. Dan xehed illi kien jaf bl-incident tas-Salah Kaptan, illi kien dovut ghac-cirkostanzi ta' l-operazzjoni u mhux ghal xi negligenza ta' xi hadd. Ikkonferma illi operazzjonijiet ta' hatt ta' merkanzija jisghtu jsiru minghajr periklu fil-port ta' l-Imgarr u ma kien hemm l-ebda divjett ghal tali operazzjonijiet. "Minn naha tad-direttorat tieghi ma kien hemm l-ebda mpediment li l-operazzjoni ssir, anzi kien hemm ordni li ssir." [fol. 90] Wara illi huwa rrilaxxa l-ittra tas-17 ta' Dicembru, 2003 li ssodisfat lill-piloti, ma kellu l-ebda problemi maghhom.

Fl-ahhar jghid, " … Ghamilta cara maghhom illi jekk huma ma jipprovdux is-servizz, ikun qeghdin *in breach* ta' l-*agreement* u kont qed nikkonsidra wkoll illi niehu azzjoni legali." Spicca biex qal illi ma kien hemm l-ebda direttiva minn naha tal-Union tal-Piloti.

Ikkunsidrat:

Wara li l-Qorti qieset il-provi prodotti, u l-ligi li tirregola l-operazzjonijiet marittimi fil-portijiet ta' Malta, kemm dawk li jirregolaw lill-Malta Maritime Authority u lill-Koperattiva tal-Piloti, jidhrilha illi f'dan il-kaz l-Awtorita' Marittima mxiet b'mod korrett. Hija evalwat is-sitwazzjoni tal-port ta' l-Imgarr mil-lat tekniku kif spjega tajjeb il-Harbour Master Richard Gabriele fejn waslu ghall-konkluzjoni li l-port ta' l-Imgarr seta' jintuza minghajr periklu ghall-hatt ta' merkanzija mehud in konsiderazzjoni d-daqs tal-vapur u t-tip tal-merkanzija illi tkun ser tinhatt. Dan gie kkonfermat mid-Direttur tal-Portijiet Charles Schembri kif ukoll minn

Tony Caruana, Operations Manager mall-Malta Maritime Authpority. Dan ta' l-ahhar accerta lill-Qorti li ladarba l-Awtorita' taghti permess sabiex port jigi wzat, tkun ghamlet il-valutazzjonijiet teknici kollha u allura tkun certa illi dak il-port ikun jsita' jigi wzat minghajr periklu.

Il-Qorti tifhem ukoll illi fejn si tratta ta' operazzjonijiet marittimi x'incidenti jistghu jinqaghu. Din hija xi haga accettabbli, izda fortunatament mhux daqshekk komuni. Dawn l-incidenti jistghu jinkludu habtiet bejn bicca tal-bahar u ohra, fejn jistghu jigu kkagunati danni. Pero', b'daqshekk ma jfissirx illi l-operazzjonijiet kummercjali fil-portijiet ghandhom jieqfu. Tajjeb, illi dawn l-incidenti jigu evalwati u studjati sabiex ma jergghux jirretpetu ruhhom. Pero', zgur illi ma jfissirx illi ghandu jkum hemm xi divjett ghall-operazzjonijiet kollha sakemm il-konkluzjonijiet jigu raggunti. Huma x'inhuma, l-Malta Maritime Authority kienet ordnat lill-Koperattiva tal-Piloti illi jipprovdu s-servizz ta' pilotagg lill-M V Audacious. Dawn minn rajhom irrifjutaw illi jipprovdu dan is-servizz, mhux hekk biss, izda anki meta l-agenti u l-istess operations manager ipprova jiehu s-sodisfazzjon l-ghala s-servizz ma kienx qed jigi pprovdut, ir-risposta tac-Chief Pilot kienet li kien primatur u kmieni wisq biex jghid ir-raguni l-ghala kienu qeghdin jirrifjutaw jaghtu s-servizz. Din hija l-istess risposta illi ha Carmelo Anastasi, Direttur tas-socjeta' attrici.

Infaccata b'din is-sitwazzjoni, l-Malta Maritime Authority taght ordni bil-miktub illi l-Koperattiva tal-Piloti tipprovdi s-servizz permezz ta' l-ittra tas-17 ta' Dicembru, 2003, dana minkejja illi diga kienu ghaddejjin diskussjonijiet bejn il-Koperattiva, l-Awtorita' u d-Direttur tal-Portijiet dwar xi perikli li jista' jkun hemm fil-port ta' l-Imgarr.

Ghalhekk, il-Qorti jidhrilha illi minn naha ta' l-Awtorita Marittima ma kien hemm xejn negligenti jew traskurat f'din l-operazzjoni, li seta' kkawza xi danni lis-socjeta' attrici.

Minn naha l-ohra, l-Koperattiva tal-Piloti rrifjutat is-servizz arbitrarjament, minghajr ma taght preavviz illi skond il-ftehim milhuq mall-Malta Maritime Authority kienet obbligata li tipprovdi.

Inghad mill-bidu nett illi dan ir-rifjut ma kienx gej minn xi azzjoni ndustrijali illi ordnat il-Union tal-Piloti, izda kienet decizjoni tal-Koperattiva tal-Piloti illi ma tipprovdix is-servizz f'port illi dehrilha illi kien fih xi periklu. Dana minkejja li l-Awtorita' Marittima ddikjarat illi ma kienx hemm periklu partikolari ghall-operazzjonijiet kummercjali fil-port ta' l-Imgarr.

Il-Qorti ma ghandhiex dubju illi l-piloti huma persuni teknici, u kompetenti fix-xoghol taghhom, pero' jridu joqghodu ghall-istruzzjonijiet u ordnijiet moghtija mill-Malta Maritime Authority u jekk din ta' l-ahhar tindika port illi jista' jintuza ghall-operazzjonijiet kummercjali minghjar periklu, mhuwiex il-kompitu tal-Koperattiva tal-Piloti illi tiddiskuti dik id-decizjoni. Kif gia nghad l-Awtorita' taghti permess ghall-operazzjonijiet kummercjali fil-port ta' l-Imgarr darba tqies id-daqs tal-vapur, il-merkanzija u l-metodu tal-hatt ta' l-istess merkanzija.

Darba kollox ikun ghas-sodisfazzjon ta' l-Awtorita' tohrog il-permess u l-piloti jkunu ordnati sabiex jipprovdu s-servizz kif mitlub. F'dan il-kaz, il-Qorti jidhrilha illi l-piloti ma kienux gustifikati li jirrifjutaw illi jaghtu s-servizz. Wara kollox, l-ittra tas-17 ta' Dicembru, 2003 ma biddlet xejn. Jekk kien hemm xi perikli qabel dik l-ittra, xorta baqghu wara. Mandankollu l-piloti ddecidew li joperaw il-vapur, haga illi ma kinitx daqshekk gdida ghalihom peress illi fis-sena ta' qabel, skond ix-xhieda tac-Chief Pilot stess irrizulta li l-piloti hadmu seba' vapuri fil-port ta' l-Imgarr.

Ghalhekk, ma kien hemm l-ebda raguni l-ghala l-piloti ma kellhomx jahdmu wkoll l-M V Audacious meta wasal f'Dicembru, 2003.

Ghalhekk, il-Qorti ssib, illi ghal dawn id-danni ghandha tkun responsabbli esklussivament il-Malta Maritime Pilots Co-operative Society Limited peress illi din rrifjutat minghajr raguni valida illi taghti s-servizz illi kien mitlub minnha.

Ghal dawk illi huma d-danni, l-Qorti qieset ix-xhieda ta' John Abela, direttur tas-socjeta' Abela Brothers fejn qal li bejn il-port ta' l-Imgarr u x-Xewkija, t-trasport tal-merkanzija kien jiswa' mitt lira Maltin (Lm100) u ghalhekk, mic-cifra mitluba ser tigi mnaqqsa s-somma ta' mitt lira Mlatin (Lm100).

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici, tiddikjara lis-socjeta' konvenuta Malta Maritime Pilots Co-operative Society Limited bhala responsabbli ghad-danni wara illi huma rrifjutaw illi jaghtu s-servizz taghhom lill-vapur M V Audacious fil-port ta' l-Imgarr ta' Ghawdex, tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici fl-ammont ta' elfejn, erba' mija u tlieta u tmenin lira Maltin (Lm2,483) u konsegwentement tikkundanna lill-Koperattiva konvenuta, Malta Maritime Pilots Co-operative Society Limited illi thallas lis-socjeta' attrici s-somma fuq indikata.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data ta' din is-sentenza kontra l-Malta Maritime Pilots Co-operative Society Limited."

Is-socjeta` konvenuta Malta Maritime Pilots Co-operative Society Limited appellat minn din is-sentenza u talbet ir-revoka taghha.  Hi tillanja li mxiet skond il-ligi u r-regolamenti, u ma naqsetx mid-diligenza lejn is-socjeta` attrici.  Bil-kontra, l-Awtorita` Marittima konvenuta wiegbet ghal dan l-aggravju bis-sottomissjoni li s-socjeta` konvenuta, sokkombenti fil-gudizzju, kellha l-obbligu skond dawk l-istess ligijiet, regolamenti u l-Pilotage Agreement li tipprovdi s-servizz minnha mitlub;

Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza huma sew riprodotti fis-sentenza appellata u mhux il-kaz li jergghu jigu hawn imtennija fid-dettal.  Bizzejjed li jsiru dawn l-accenni fil-qosor:-

(1) Skond klawsola (3) tal-Pilotage Agreement datat 9 ta' April 2003 (fol. 9) konkjuz bejn is-socjeta` appellanti u l-Awtorita` Marittima, is-socjeta` appellanti, *qua* "*service provider*", obbligat ruhha "*to provide pilotage services in accordance with the provisions of the Regulations and the provisions of this Agreement*";

(2) Is-socjeta` appellanti giet kommissjonata mis-socjeta` attrici biex tipprovdi servizz bhal dan lill-vapur m.v. Audacious fil-Port ta' l-Imgarr, Ghawdex biex hemm tigi skarikata merkanzija destinata lill-kumpanija Joseph Caruana Company Limited;

(3) Ghall-ewwel is-socjeta` appellanti accettat dan l-inkarigu izda aktar tard irrifjutat li tipprovdi s-servizz ta' pilutagg. Ragunijiet ma gewx moghtija ghall-bidu imma aktar 'il quddiem inghad li r-rifjut kien dovut ghall-fatt li s-socjeta` appellanti ma nghatatx certi assikurazzjonijiet mill-Awtorita` Marittima dwar sigurta` u harsien ta' opri ohra tal-bahar fil-port ta' l-Imgarr. Skond ic-Chief Pilot Jesmond Mifsud (fol. 68), "bzajna li bir-rimja li taghmel it-tug boat setghet taghmel hsara lid-dghajjes li jkunu marbutin mal-moll u l-pontoons". Dan ghar-raguni li xi zmien qabel kien sehh incident fl-istess port fejn intlaqtet dghajsa tas-sajd;

(4) L-Awtorita` Marittima insistiet li s-socjeta` appellanti tipprovdi, kif kien maqbul, is-servizz fl-imsemmi port. Ara ittra tad-Direttur ta' l-Awtorita` datata 16 ta' Dicembru 2003 (fol. 93). Dan anke ghaliex skond ix-xhud Charles Schembri (fol. 89) wara l-incident surreferit, u fuq pariri teknici lilha moghtija, l-Awtorita` ma deherilhiex li kien il-kaz li jitwaqqfu l-operazzjonijiet f' dak il-port;

(5) Il-kariku allura spicca biex gie mahtut fil-Port il-Kbir u minn hemm trasportat permezz ta' trukkijiet lejn Ghawdex. Id-danni reklamati huma konnessi ma' l-ispiza ta' dan it-trasport;

Premessi dawn il-fatti rilevanti, huwa car illi s-servizz ta' pilutagg hu provvdut *ex contractu* fil-portijiet tal-Gzejjer

taghna mis-socjeta` appellanti. Socjeta` din ta' piloti b' personalita` guridika distinta fejn id-direzzjoni u r-rapprezentanza taghha huma affidati lic-Chief Pilot. B' mod generali s-servizz hu wiehed obbligatorju, una volta assunt kontrattwalment mis-socjeta` appellanti permezz tal-Pilotage Agreement surreferit;

Il-ligi fil-Kapitolu 352 (Att ta' l-1991 dwar l-Awtorita` Marittima ta' Malta) ma tiddefinix esplicitament il-kuntratt ta' pilutagg. Din id-definizzjoni pero`, tista' tigi estratta *aliunde.* Jista' tentattivament jinghad li dan hu kuntratt konkjuz bejn l-armatur jew *charterer* tal-bastiment, tramite l-agenti tieghu fil-port partikulari, li permezz tieghu l-pilota jobbliga ruhu, versu l-hlas ta' korrispettiv, li jissuggerixxi r-rotta u jassisti lill-kaptan fil-manuvri li ghandu jsegwi. L-adempiment tal-kuntratt jigi realizzat u mitmum meta l-bastiment jigi ormeggjat fil-punt lilu assenjat fil-port;

Premessa din id-definizzjoni, jinhass importanti li jigi precizat qabel xejn il-karattru guridiku tal-pilota. Fil-kompiment tal-prestazzjoni moghtija, ghalkemm membru ta' l-ekwipagg tal-vapur, f' dak il-mument, huwa ma jitqiesx fis-servizz ta' l-armatur jew *charterer* tal-basitiment, u lanqas impjegat ta' l-Awtorita` Marittima. Hu ghall-effetti kollha provveditur indipendenti. Dan, del resto, jikkonfermah ic-Chief Pilot Jesmond Mifsud innifsu fejn jiddikjara li "ahna independent contractors u ma ahniex impjegati tal-Malta Maritime Authority" (fol. 71). Fil-hsieb tal-Qorti kuntratt ta' pilutagg ghandu minn natura ta' kuntratt ta' kiri ta' xoghol u ta' industrija, kif ahjar imfisser fl-Artikolu 1623 tal-Kodici Civili, jigifieri "kuntratt li bih wahda mill-partijiet tintrabat li taghmel xi haga ghall-parti l-ohra, bi hlas li din tintrabat li taghtiha". Dan hu ferm importanti ghall-iskop li jigu mifhuma ahjar l-obbligazzjonijiet naxxenti minn tali kuntratt;

M' hemmx dubju illi l-obbligazzjoni primarja hi dik "*di facere*" fl-interess ta' min ikun inkariga lill-pilota, jew, f' dan il-kaz, lill-ko-operattiva marittima tal-piloti. Din l-

obbligazzjoni ggorr maghha l-prestazzjoni tas-servizz u, kif inhu hekk naturali u logiku, ir-responsabilita` ghall-inadempiment li n-normi generali tal-Kodici Civili relattiv ghall-obbligazzjonijiet jipprecizaw taht it-Titolu “Fuq l-Effetti ta’ l-Obbligazzjonijiet”.  B’ mod partikulari ghall-kaz in ispecje l-Artikoli 1125, 1127, 1132 u 1133 ta’ l-imsemmi Kodici;

F’ kazijiet ta’ din ix-xorta l-oneru tal-provi jesigi li ssir distinzjoni bejn il-kreditur u d-debitur ta’ l-obbligazzjoni. Kif spejgat mill- Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-kawza “**Joseph Albanese *et* -vs- Michelina Sare *et***”, 4 ta’ Marzu 1955 (**Kollezz. Vol. XXXIX  P II  p 585**), “il-kreditur ghandu jipprova l-inadempjenza tad-debitur, li tista’ tikkonsisti anki f’ semplici dewmien; ghandu jiddemostra fatt li fih innifsu jkollu l-impronta tal-htija tad-debitur ... Wara li tkun saret mill-kreditur din il-prova, jaqa’ fuq id-debitur l-oneru illi jipprova li dak l-inadempiment kien dovut ghal xi haga barranija (*causa estranea*) li taghha huwa ma kienx responsabbli, jigifieri huwa ma kellux htija billi mexa bid-diligenza ta’ *bonus paterfamilias*.  Dan huwa s-sistema adattat mil-ligi taghna (artikolu 1175 (1) u Artikolu 1176, illum Artikoli 1132 u 1133, Kodici Civili). Jekk imbaghad huwa ma jasalx ghal dina l-prova, huwa jkun fi htija u jidhol responsabbli ghad-danni (Artikolu 1074, illum Artikolu 1031, Kodici Civili)”;

Fermi dawn ir-riflessjonijiet guridici li johorgu mis-sunt appena riportat tas-sentenza precitata, fil-kaz in ezami l-prova ta’ l-inadempjenza tas-socjeta` appellanti hi skontata, anke ghaliex din hi ammessa minnha, anke jekk forsi mhux bi kliem precizi.  Hi difatti tistrieh fuq id-difiza li l-Awtorita` Marittima ma pprovdietilhiex l-assigurazzjoni necessarja fiz-zmien utli biex tigi pacifikata l-preokkupazzjoni taghha dwar is-sigurta` fil-Port ta’ l-Imgarr;

Issa apparti li bhala fatt jirrizulta mix-xhieda ta’ Carmelo Anastasi (fol. 34) u Tony Caruana (fol. 62) rapprezentanti

tas-socjeta` attrici, kif ukoll minn dik tal-Harbour Master Richard Gabriele, (fol. 65) illi sa dakinhar li kellu jigi provvdut is-servizz ta' pilutagg, ir-raguni tar-rifjut ma kienetx ghadha maghrufa, din il-Qorti lanqas ma tara, fil-fattispeci kollha tal-kaz, illi dak sottomess mis-socjeta` appellanti jikkwalifika bhala xi prova liberatorja b' effett ta' xi "kawza barranija" li jsemmi l-Artikolu 1133 tal-Kodici Civili. F' dan il-kuntest il-Qorti taghmel dawn l-osservazzjonijiet:-

1. Ibda biex is-socjeta` appellanti assumiet di fronte ghas-socjeta` attrici li tesegwixxi l-inkarigu u tippresta s-servizz. Dan ma ghamlitux fil-jum prevvist nonostante li kollox kien pront u l-*berthing* prefiss (ara dokument a fol. 84). Dehrilha proprju f' dak il-jum li kellha tirrifjuta minhabba l-kwestjoni minnha ventilata u li certament ghas-socjeta` attrici kienet "*res inter alios acta*";

2. L-impenn minnha originarjament assunt kien jindikalha, u anzi kien jimponi fuqha, li hi tesegwixxi l-prestazzjoni taghha fil-mument u fil-lok stabbilit. Oggettivament, fir-realta`, ma kien hemm ebda impossibilita` prattika biex ma tigix esegwita l-prestazzjoni. Ma kienu jezistu ebda cirkostanzi tali li kienu jirrendu inesigibbli dik il-prestazzjoni. L-ebda stat ta' xi necessita` impellenti. L-ebda impediment specifiku li seta' jwassal ghall-impossibilita` tal-prestazzjoni;

3. Guridikament, kif osservat mill-Qorti ta' l-Appell Kummercjali fid-decizjoni "**Antonio Micallef *proprio et nomine* –vs- Negte Giuseppe Gasan *nomine***", 6 ta' Gunju 1930, "*la 'causa estranea' di cui si fa menzione all' articolo 839 della Ordinanza No. VII del 1868, ha luogo nel caso che l' inadempimento assoluto o relativo provenga non dal debitore, ma da una causa non dipendente e per cui egli non dovrebbe rispondere*". Din l-istess sentenza tkompli tippreciza illi "*tale disposizione si connette, quindi, direttamente con quella dell' articolo susseguente che tratta dalla forza irresistibile o del caso fortuito*" (**Kollez. Vol. XXVII P I p 912**). Kif gja manifest, f' dan il-kaz it-tezi sostenuta mis-socjeta` appellanti ma tinkwadrax ruhha, lanqas remotament, fl-ambitu tal-"*causa*

*estranea*" izda pjuttost f' decizjoni ghal kollox arbitrarja, bla preavviz u minghajr raguni serja;

4. Anzi, minn kif taraha din il-Qorti, kien hemm da parti tas-socjeta` appellanti l-ommissjoni ta' dak l-isforz ta' diligenza tal-missier tajjeb tal-familja li jistatwixxi l-Artikolu 1132 tal-Kodici Civili. Huwa ghal kollox futili t-tentattiv li s-socjeta` appellanti taddossa l-inadempjenza taghha fuq spallejn l-Awtorita` Marittima, anke billi tirrikorri ghal certi disposizzjonijiet tal-ligi partikulari u tar-regolamenti li, fil-kwadru tal-fattispeci, ma jistghux isarrfu biex jiskansawha minn dik ir-responsabilita` ghad-danni li jistabilixxi l-Artikolu 1125, Kodici Civili f' min jonqos li jesegwixxi l-obbligazzjoni li huwa jkun ikkuntratta. Din il-presunzjoni tibqa' operanti fejn l-inadempjenza ggib lezjoni ta' l-interessi tal-kreditur, kif hekk inhu l-kaz hawnhekk;

Mhux il-kaz allura li din il-Qorti tiddissenti mill-konkluzjoni raggunta mill-ewwel Qorti, hlief forsi biex sempliciment tirreduci r-rizarciment kanonizzat bi hmistax-il lira (Lm15) ohra, anke ghaliex din tikkonsisti fil-VAT fuq is-somma ta' mitt lira (Lm100) li tnaqqset mill-ewwel Qorti ghar-raguni moghtija fis-sentenza appellata.

Ghal dawn il-motivi, l-appell interpost qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata fis-sustanza taghha, eccetto ghar-riduzzjoni ulterjuri ta' hmistax-il lira Maltija (Lm15) li qed issir minn din il-Qorti kif fuq spjegat. L-ispejjez anke ta' din il-procedura jitbatew mis-socjeta` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------